L-IMDINA BIJENNALI TIĊĊELEBRA L-ISTORJA MULTIKULTURALI



[Ritratt: JOE BORG]

L-Imdina dalwaqt se tmur lura fiż-żminijiet biex tilqa' l-passat multikulturali ta' din il-belt, bil-preżentazzjoni tal-Bijennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina, li se jinżamm bejn it-13 ta' Novembru, 2015 u s-7 ta' Jannar, 2016, bl-appoġġ tal-Bank APS bħala l-imsieħeb ewlieni fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

Dan l-avveniment, li se jagħti ħajja ġdida lil din l-edizzjoni tal-Imdina Bijennali, se jagħti ħarsa differenti lill-arti u r-reliġjoni, u qed ikun imfaħħar għall-mod kif se jkun ta' pont bejn il-kulturi differenti, id-differenzi fit-twemmin u anke dawk li ma jemmnu f'xejn. It-tema, "Kristjanità, Spiritwalità u d-Diversità", flimkien maddirezzjoni kunċettwali ġdida għal dan l-avveniment, ġew żviluppati mill-artist, akkademiku u kritiku talarti Dr Giuseppe Schembri-Bonaci, li hu d-direttur artistiku tal-Bijennali.

L-avveniment, li jmur lura għall-oriġini tal-Bijennali tal-Imdina fid-disgħinijiet, iżda issa ppreżentat b'direzzjoni differenti, se jipprovdi spazju spiritwali għall-kreattività, u se jippreżenta ħsibijiet provokattivi u xogħlijiet tal-arti ta' livell għoli u ta' kwalità millaqwa artisti minn xejn inqas minn 25 pajjiż minn madwar id-dinja. Il-lista ta' artisti tilħaq ismijiet ta' artisti mid-diversi oqsma tal-arti. Artisti lokali jinkludu lil Richard England, Mark England, Vince Briffa, Patrick Dalli, Paul Haber, Pierre Portelli, Anna Grima, Sina Micallef Farrugia, Victor Spiteri u James Micallef Grimaud.

Xogħlijiet oħrajn minn artisti internazzjonali se jkunu ppreżentati minn Dario Fo, Francesco Infante, Adam Dix, Michael von Cube, Valera Loredana Longo, Silvia Camporesi, Denis Pondruel, Christian Jaccard, Bernard Cousinier, Gildas Le Reste, Frederique Lucien, Philippe Desloubieres, Vincent Come, Patrice Pantin, Kacha Legrand, Nicola Arkell, James Alec Hardy, Richard Shields, u Natala u Valerya Cherkashin.

Il-Bijennali se tippreżenta wkoll kalendarju mimli ta' mużika, attivitajiet letterarji u awdjoviżivi, b'wirjiet mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Brian Schembri. Jieħdu sehem ukoll il-kompożituri Karl Fiorini, Reuben Pace u Albert Garzia, l-attur Pino Scicluna, żfin kontemporanju taħt id-direzzjoni ta' Francesca Abela Tranter, b'kollaborazzjoni wkoll ma' Caravan u ARTNAKED.

Grupp ta' artisti kontemporanji minn Londra u minn bliet oħrajn se jkunu qed jipparteċipaw fil-Bijennali tal-Imdina taħt it-tmexxija ta' ARTNAKED. "L-Imdina ilha belt ta' arti għal sekli sħaħ. Ninsabu kuntenti u eċċitati li nippreżentaw din l-istorja u li nressqu aktar arti minn qatt qabel lejn il-ħitan tal-fortifikazzjonijiet," qal Dr Schembri-Bonaci.

Għal aktar informazzjoni u l-aħħar aħbarijiet żuru s-sit www.mdinabiennale.org. Għal aktar informazzjoni kkuntattjaw lil Ms. Ingrid Zerafa, PR and *Communications* fuq: 7930 5590 jew permezz ta' imejl fuq: ingrid@zerafa.co.

Opportunitajiet ta' taħriġ f'Banif Bank

(Mix-xellug) L-impjegati ta' Banif Bank, Bridget Grech, Rosalie DeGaetano u Dennis Vella ngħataw rigal mingħand Robert Azzopardi, Business Development Manager tal-ISL (Information Systems Ltd), bħala rikonoxximent talli lestew b'suċċess kors ta' taħriġ

Il-preżentazzjoni li saret fis-Central Services tal-Bank fil-lokalità tal-Gżira timmarka l-kollaborazzjoni pożittiva soda li teżisti bejn il-Banif Bank u l-ISL li qed twassal għal tisħiħ fit-taħriġ u aktar għarfien tal-impjegati.

Dan il-programm ta' taħriġ ta' Banif Bank jinkludi ukoll firxa wiesgħa ta' korsijiet "e-learning", skont il-bżonnijiet tal-irwol u l-iżvilupp professjonali talħiliet u l-abbilitajiet ta' kull impjegat.

Dawn il-korsijiet interattivi, li jvarjaw minn *soft skills*, bħall-immaniġġjar aħjar talħin u l-maniġment, sa dawk aktar speċjalizzati fl-IT u anki fil-finanzi, huma aktar flessibli u joffru alternattiva għall-ambjent tradizzjonali tagħna li lkoll mdorrijin bih fil-klassijiet tagħna.